MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 282/2013

**Caruana Kevin**

**ID.360955M**

**Vs**

**Josef Degiorgio**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2013 fejn l-attur talab illi peress illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' hames mija u sittin ewro u disghin centezmu (€560.90c), rapprezentanti l-bilanc dovut in konnessjoni ma' servizzi rezi u xogholijiet tal-aluminium provduti mill-attur.

Ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat sabiex ihallas, huwa naqas milli jottempra ruhu.

Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi dikjarat debitur tal-attur ghas-somma ta’ €560.90 u konsegwentament il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-imsemmija somma lill-attur.

Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra legali tal-31 ta’ Jannar, 2013, kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Illi l-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament it-talba attrici hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) u/jew l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Xehed l-attur in subizzjoni fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fejn qal illi x-xoghol beda fis-sena 2009 pero’ ma jiftakarx f’liema xahar peress illi kellu injury u tilef xi memorja. Qal illi l-ammont globali kien ta’ tliet elef erba’ mija u hdax-il ewro (€3,411) u l-ewwel thallas l-ammont ta’ elf tmien mija u wiehed u hamsin ewro (€1,841) u imbaghad thallas l-ammont ta’ elf ewro (€1,000). B’hekk kien fadal l-ammon ta’ hames mija u sittin ewru u disghin centezmu (€560.90). Il-partijiet ikkommunikaw permezz ta’ email f’Settembru, 2010 u l-unika korrispondenza kienet ittra legali fil-31 ta’ Jannar, 2013 li ma kienx hemm risposta ghaliha.

Illi t-Tribunal in vista ta’ din ix-xhieda fejn l-attur ikkonferma illi x-xoghol inbeda fis-sena 2009 u l-email intbaghtet fis-sena 2010 wara din id-data ma gara xejn. Illi ma hemmx dubju illi f’dan il-kaz skatat il-preskrizzjoni that l-Art. 2148(a).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jiddisponi mit-talba tal-attur minhabba li t-talba giet preskritta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------